MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2006

Numru. 202/2005

**Il-Pulizija**
**(Sp. Victor Aquilina)**

**vs**

**Joseph Cassar ta‘ 23 sena imwieled**
**Pieta‘ nhar l-24 ta‘ Settembru, 1981,**
**Iben Paul u Maria Concetta nee Bonavia**
**u li joqghod Blk 16C/2, Triq il-Gendus, Bormla,**
**detentur tal-karta tal-identita‘ bin-numru**
**535381 (M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Joseph Cassar li gie akkuzat talli fil-3/11/04 ghall-habta tat-8.25 p.m. waqt li kien ghaddej bil-vettura ta‘ l-ghamla Hyundai Excel bin-

numru ta‘ registrazzjoni EAU-674 fi Triq Fleur De Lys gewwa Birkirkara,

(1) b‘nuqqas ta‘ hsieb, bi traskuragni, jew b‘nuqqas ta‘ hila fl-arti jew fil-professjoni tieghu jew b‘nuqqas ta‘ tharis tar-regolamenti, ikkaguna ferita gravi fuq il-persuna ta‘ Imelda Saliba ID 101931 (M) hekk kif iccertifika Dr Chris Spiteri MD ta‘ l-isptar San Luqa, liema ferita aktarx tikkaguna debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta‘ xi parti tal-gisem, jew iggib difett permanenti f‘parti tal-ghamla tal-gisem jew marda permanenti tal-mohh jew iggib sfregju gravi u permanenti fil-wicc, fil-ghonq jew f‘wahda mill-idejn

(2) fl-istess data, hin,lok u cirkostanzi, saq l-imsemmija vettura, b‘nuqqas ta‘ kont, bi traskuragni jew b‘mod perikoluz.

Il-Prosekuzzjoni talbet li jigi skwalifikat mil-licenzji kollha ghal perjodu li jidrilha li hu xieraq.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet ix-xhieda.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Rat il-kunsens ta‘ l-Avukat Generali biex din il-kawza tigi trattata bi proceduri sommarji.

Rat li l-imputat ma kellu ebda oggezzjoni ghal tali proceduri.

Senjalament mill-provi prodotti jirrizulta li feruta Imelda Saliba mwaqqfa fuq in-naha l-ohra tat-triq faccata ta‘ l-abitazzjoni taghha, ex admissis harget tigri minn gol-vettura misjuqa minn huha u b‘girja pprocediet biex taqsam it-triq. Kienet hawn li hi sfat imtajra. Dan jirrizult akollu mix-xhieda stess ta‘ l-istess Imelda Saliba. Xehdet ukoll l-istess feruta illi meta ttajret hi kienet f‘nofs tat-triq.

Xehed ukoll certu Terrence Abela, passiggier fil-karozza ta‘ l-akkuzat illi wkoll ikkonferma li f‘distanza qasira hu ra mara tiftah bieba tal-karozza gia wieqfa ma‘ genb triq u tipprocedi biex taqsam. Din spiccat imtajra mis-sewwieq tal-vettura li fiha kien passiggier. Jixhed Abdilla li li hu ra lill-anzjana, ghax il-feruta hija fil-fatt mara ta‘ eta‘ avvanzata meta kienet tul ta‘ awla l-boghod minnha bil-vettura tant li hu anke gibed l-isteering ta‘ l-akkuzat biex jipprova jevitaha.

Min-naha tieghu l-akkuzat xehed li l-ewwel darba li hu ra vettura wieqfa kien tul ta‘ wisgha ta‘ zewg vetturi, u kif avvicina aktar qrib ta‘ karozza boghod ta‘ karozza, ra l-bieba ta‘ wara tal-passiggier tinfetah ghal fuq it-triq. Ipprova jiskapula l-persuna li harget mill-vettura billi ghafas il-brake pero‘ laqatha bil-mod bin-naha tal-genb tal-bumper naha tal-passiggier.

Dana bhala hsarat jaqbel ma‘ dak konstatat mis-Surgent fir-rapport tieghu.

Ikkonsidrat

Illi l-Qorti wara li kkonsidrat anke dak li xehdet il-feruta u cioe li “she made a dash for it“ thoss illi certament kienet hi li kkagunat dan l-incident. Ma tistax il-Qorti ma tikkumentax dwar il-fatt li daqs kemm ghandu responsabilita‘ s-sewwieq, daqstant ghandu responsabilita‘ l-pedone specjalment meta jigi biex jaqsam triq. Jinkombi zgur fuq il-pedenstrian li juza triq b‘attenzjoni u responsabilita‘ specjalment meta qed jaghmel manuvra li jaqsam l-istess, minn post mhux hekk intiz u fid-dlam.

Ghaldaqstant thoss li dan l-incident ma kienx ikkagunat minn Joseph Cassar u ghaldaqstant qed tilliberah mill-istess.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------